# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 39**

Il-Ħamis 21 t'Ottubru 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 21 t'Ottubru 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

39.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sinjura Juliet Attard, u l-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil ser jattendu għal din il-laqgħa imma ftit tard. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji u ġew skużati.

### 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

39.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 37 kif ukoll il-minuti tal-laqgħa b'urġenza bin-numru 38 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

39.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

39.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

39.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li bħala Kunsill issottomettejna żewġ applikazzjonijiet għal żewġ skemi. Waħda maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali SPI/SCI/6/2021 għall-finanzjament relatat mal-attivitajiet tal-Milied 2021 u oħra maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Għawdex għall-finanzjament relatat mal-ambjent fejn ser jitħallsu l-ispejjeż tal-Perit fil-proġett tal-Pjazza tal-Knisja.

39.3.2 Is-Sindku ressaq proposta sabiex tiġi kkunsidrata l-possibilta' li tiddawwal parti fi Triq il-Munxar fejn l-entratura tal-garaxxijiet ta' Andar Residences in-naħa ta' Ġnien Ragalna. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

39.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar tabella biex ma jsirx parkeġġ ta' vetturi kbar fi Triq Santa Dminka fil-Munxar man-naħa ta' Ġnien il-Professur Aquilina li mhix ċara biżżejjed u qed toħloq konfużjoni fost xi residenti u l-uffiċċjali tal-komunita'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi ċċarata d-direzzjoni tal-vleġġa tat-tabella wara konsultazzjoni ma' Transport Malta.

39.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara l-maltemp qawwi li kien għamel, ħajt tas-sejjieħ ta' taħt Triq Għajn Tuta, fil-konfini tal-lokalita' tal-Munxar, waqa' u ssuġġerixxa li jitranġa u anke l-kantuni ta' fuqu. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

39.3.5 Is-Sindku ressaq suġġeriment ta' resident fi Triq San Pawl sabiex issir bankina ġdida u jsiru *parking stoppers* biex x'ħin il-vetturi jipparkjaw ma jibqgħux deħlin eżatt mal-faċċata tad-djar. Kien hemm qbil dwar dan.

39.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li ta' kull xahar qed issir laqgħa ġewwa l-Kunsill mas-Supretendent tal-Pulizija. Huwa qal li kull ilment jew sitwazzjoni relatat magħhom qed jiġi mgħoddi lilhom.

39.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li waqt il-maltemp qawwi tat-3 t'Ottubru 2021, il-kiosk fi Pjazza Anfori fix-Xlendi fejn hemm l-ATM tal-HSBC sofriet ħsarat strutturali. Il-Kunsill immedjatament informa lill-Perit tal-Kunsill li qed iħejji rapport u ser ikun qed japplika mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jinbidel is-saqaf tagħha. Kien hemm qbil mill-membri sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

## 39.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

39.4.1 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis staqsiet dwar il-Community Policing u riedet tkun taf meta ser jibda. Is-Sindku wieġeb li waqt laqgħa mas-Supretendent ġie nfurmat li dan is-servizz ser jibda s-sena d-dieħla.

39.4.2 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis ġibdet l-attenzjoni lill-Kunsill dwar ħajt tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada li waqa' wara inċident li seħħ ftit tal-jiem qabel. Is-Sindku wieġeb li dan il-ħajt ġie rrapurtat lill-Ministeru Għal Għawdex u ġie approvat minnhom.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

39.4.3 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis staqsiet dwar ix-xogħlijiet ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada li kienu qed isiru mill-Ministeru Għal Għawdex. Is-Sindku wieġeb li kienu qed jitkomplew ix-xogħlijiet illum.

39.4.4 Il-Kunsillier, is-Sinjura Juliet Attard staqsiet dwar il-kwistjoni tal-ilmijiet fi Triq San Pawl. Is-Sindku wieġeb li l-pjan tal-Kunsill hu li ssir sistema ta' *storm water culverts* f'dik it-triq u fit-toroq tal-inħawi b'għajnuna finanzjarja mill-Ministeru Għal Għawdex liema talba għall-għajnuna diġa' kienet issemmiet f'laqgħa mal-Ministru stess.

39.4.5 Il-Kunsillier, is-Sinjura Juliet Attard staqsiet dwar it-tindif mill-materjal f'passaġġ fi Triq San Pawl. Is-Sindku wieġeb li qed isiru arranġamenti mas-sezzjoni tas-CMU fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex biex dan il-passaġġ jitnaddaf.

39.4.6 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil staqsa dwar it-taraġ li jagħti għal Triq San Xmun minn Triq il-Puniċi. Is-Sindku wieġeb li qed issir pressjoni mal-kuntrattur biex dan jinfetaħ mill-ġdid kif ukoll biex titranġa t-triq fil-parti ta' taħt il-bankina tiegħu.

39.4.7 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm xi drenaġġ ħiereġ minn Triq Puniċi u l-Korporazzjoni tas-Serivzzi tal-Ilma hija nfurmata dwaru.

## 39.5 Jum il-Munxar 2021;

39.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li Jum il-Munxar ta' din is-sena ser jaħbat il-Ħadd u għalhekk dakinhar, fit-12 ta' Diċembru 2021, issir quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja u jekk l-awtoritajiet tas-saħħa jaċċettaw issir is-serata fiċ-Ċentru Parrokkjali wara l-quddiesa. Huwa fakkar lill-membri li hekk kif kien maqbul mill-Kunsill, għall-premju ta' Ġieħ il-Munxar ser jingħażel persuna li jinħatar minn fost il-membri tal-Kunsill u mhux ser jinfetħu nominazzjonijiet kif kien isir fil-passat. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan kif ukoll li l-proċess tal-inviti lir-residenti u lill-persuni distinti jista' jinbeda.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 39.6 Sejħiet għall-offerti;

39.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li ġiet ippublikata s-sejħa għall-offerti għall-proġett li se jkun iffinanzjat mill-Ministeru Għall-Ambjent biex isiru *commercial waste depots* fix-Xlendi. Il-Ministeru Għall-Ambejnt ser ikun qed jikkompila Memorandum Of Understanding biex jiġi ffirmat bejn il-partijiet għal dan il-finanzjament. Flimkien mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra, li se jkunu qed jimplimentaw proġett bħal dan fil-lokalita' tagħhom, ġie propost li l-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul mis-Sur William Sultana bħala *chairperson* tal-bord, is-Sur Kristian Sultana mill-Ministeru Għall-Ambjent bħala segretarju tal-bord, filwaqt li l-evalwaturi jkunu ICT officer mill-Ministeru Għall Ambjent, l-Avukat Larry Formosa u l-Inġinier Mario Cauchi. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

39.6.2 Minħabba wkoll l-istess proġett tal-*commercial waste depots*, il-Ministeru Għal Għawdex ser ikun qed japplika mal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-permess, mhux biex isiru dawn il-*commercial waste depots* biss, iżda wkoll biex tiġi ġġenerata Pjazza l-Anfori fix-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-kunsiderazzjoni tal-membri tal-Kunsill il-pjanta li ser tkun qed tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie konkluż li l-Kunsill Lokali Il-Munxar ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex isir il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi.

39.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li l-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet għax-xogħol ta' project management b'rabta mar-riabilitazzjoni tat-Torri tax-Xlendi. Dan ix-xogħol primarjament se jkun jikkonsisti f'sorveljar, kejl u ċertifikazzjoni tal-fatturi fejn jidħlu s-sistemi mekkaniċi u elettriċi. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-orħos kwotazzjoni li ġiet sottomessa li kienet ta' Galea Curmi Engineering Consultants Ltd li tammonta għal €4,237.29 eskluż il-VAT. Kien hemm qbil mill-membri għal dan.

## 39.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

39.7.1 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Ministeru Għal Għawdex il-kuntratt ta' finanzjament għall-attivitajiet tal-Milied *Christmas in Gozo*. Wara li ġiet sottomessa t-talba mill-Kunsill, il-Ministeru Għal Għawdex se jkun qed jassisti lill-Kunsill b'finanzjament ta' €4,000 biex isir kunċert fil-

Knisja fl-10 ta' Diċembru 2021, kif ukoll biex isir it-tiżjin fil-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri biex dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

39.7.2 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Ministeru Għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u l-Gvern Lokali l-kuntratt ta' finanzjament għall-attivitajiet kulturali annwali 2021. Wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/3/2021 mill-Kunsill, il-Ministeru Għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u l-Gvern Lokali se jkun qed jassisti lill-Kunsill b'finanzjament ta' €5,500 biex isiru attivitajiet kulturali fi żmien il-Milied. Kien hemm qbil mill-membri biex dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

39.7.3 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Ministeru Għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u l-Gvern Lokali l-kuntratt ta' finanzjament għall-Proġetti Kapitali Aċċessibilta' u Mobilita'. Wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/3/2020 mill-Kunsill, il-Ministeru Għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u l-Gvern Lokali se jkun qed jiffinanzja parti minn dan il-proġett bl-ammont ta' €21,753.80 biex isir pavimentar u tisbieħ fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri biex dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

39.7.4 Ċirkulari SPI/SCI/7/2021 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku għarraf lill-membri li dan huwa fond li l-Kunsill jista' jagħmel użu minnu biex issir manutenzjoni tal-proġetti li saru mill-Gvern Ċentrali fix-Xlendi. Il-Kunsill qabel li jesplora l-possibilita' li jsir xi proġett li jaqa' taħt l-iskop ta' din l-iskema.

39.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-membri t-trasferiment tal-*vacation leave* tal-ħaddiema klerikali kif ukoll tat-*time-off* in lieu għas-sena 2022. Kimberly Spiteri ser tkun qed iġġedded 108 sigħat *vacation leave* u 157.5 sigħat *time-off in lieu* filwaqt li Nicholette Attard se tkun qed iġġedded 108 sigħat *vacation leave* u 72 sigħat *time-off in lieu*. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri ukoll li t-trasferiment ta' 108 sigħat ta' vacation leave tiegħu għas-sena 2022 ġew approvati wkoll mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

39.7.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur ta' MIEMA (Malta Intelligent Energy Management Agency) sabiex il-Kunsill jikkunsidra jiffirma Patt għall-Agrobiodiversita' Għal Għawdex fi ħdan il-proġett Greenchange li għandu l-għan li jsaħħaħ is-sostenibilita'

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

ambjentali tal-attivitajiet agrikoli u jgħin fil-konservazzjoni tal-bijodiversita' ta' Għawdex u partijiet minn Malta. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ġie nfurmat li mhux se jkollu obbligazzjonijiet. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan il-patt jiġi ffirmat.

39.7.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand District Operations Limited sabiex jimtela r-rapport tal-prestazzjoni tal-ħaddiema tal-CWSEF li qegħdin assenjati mal-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn il-ħaddiema jingħataw bonus sħiħ.

39.7.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex b'applikazzjoni għal skema reġjonali li ġiet imnedija: Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi Ġodda 2021. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex din l-applikazzjoni tiġi sottomessa biex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż addizzjonali li ma kinux koperti fl-applikazzjonijiet l-oħra relatati mal-proġett ta' tisbieħ ta' Triq L-Isqawi kif ukoll mal-proġett ta' tisbieħ ta' Triq Dun Spir Gauci.

39.7.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex bi proposta sabiex il-laqgħa tar-Reġjun Għawdex tinżamm fil-lokalita' tal-Munxar jekk il-Kunsill għandu post li jippermetti l-osservanza tal-miżuri ta' prevenzjoni kontra t-tixrid tal-COVID 19. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux post simili iżda tista' ssir talba lill-Parroċċa tal-Munxar biex tintuża s-Sala Parrokkjali. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

39.7.10 Ċirkulari DLG 07/2021 – Emendi legali fil-leġislazzjoni tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.11 Ċirkulari DLG 08/2021 – Offsetting tal-ispejjeż relatati mal-WasteServ. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dan se jsir minħabba li l-Kunsill jibgħat il-fatturi tiegħu biex jiġi rimborżat tal-ispejjeż relatati mal-ġbir tal-iskart organiku filwaqt li WasteServ Malta Ltd tibgħat il-fatturi tat-tipping fees. Għalhekk kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jimxi ma' din il-proċedura elenkata fiċ-ċirkulari.

39.7.12 Ċirkulari DLG 09/2021 – Pagamenti mill-Kunsilli Lokali lill-ħaddiema tal-iskejjel. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.13 Ċirkulari DLG 10/2021 – Avviż Legali jestendi l-mandat tal-AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

39.7.14 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Green Mt b'fattura li tkopri l-ispejjeż relatati ma' ġbir ta' skart kkontaminat mil-lokalita'. Is-Sindku għamel referenza għall-komunikat li d-Direttur Ġeneral għall-Gvern Lokali bagħat lill-Kunsill Lokali Il-Munxar permezz ta' *email* nhar l-24 ta' Settembru 2021 fejn ikkonferma u ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill m'għandu l-ebda obbligu li jħallas għal dan l-iskart u li l-iskema trid timxi mal-obbligi kuntrattwali tagħha.

39.7.15 Il-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Kappillan Dun Anton Refalo sabiex il-Kunsill jerġa' jintroduċi s-servizz ta' uffiċċjal tal-komunita' waqt il-ħinijiet tad-dutrina biex jassisti lit-tfal waqt id-dħul u l-ħruġ tagħhom miċ-Ċentru Parrokkjali. Kien hemm qbil mill-membri biex jerġa' jibda jingħata dan is-servizz.

39.7.16 Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni sabiex jiġi mixtri u nstallat *victorian pillar clock* għall-bajja tax-Xlendi. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €5,799.70 eskluż il-VAT. Is-Sindku għarraf lill-membri li meta ġie ffirmat il-kuntratt tal-kera tal-*kiosk* fix-Xlendi mal-HSBC, huma xtaqu wkoll jikkontribwixxu għal dan il-għan. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir laqgħa ma' HSBC Malta plc biex tiġi maqbula t-triq 'il quddiem.

39.7.17 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta dwar il-ħruġ ta' permessi biex tingħalaq triq jew isiru interventi fi triq mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn 6am u 9.30am eskluż festi pubbliċi u vaganzi tal-iskejjel. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.18 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta b' rapport rigward Reserved Parking Bay. Il-Kunsill innota li din l-applikazzjoni diġa' kienet tressqet fil-passat u ġiet approvata u mplimentata.

39.7.19 Il-Kunsill iriċeva korrispondenza mingħand Sixth Energy Malta b'rapport 'Local Council Performance Report for Year 2020' li jevalwa x-xogħol tal-Kunsill Lokali abbażi ta' 5 indikaturi deskritti fid-dokument 'A Benchmark for National Performance Indicators'. Il-Kunsill innota l-kontenut u niżżel il-kummenti tiegħu hekk kif mitlub. Ir-rapport intbagħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

39.7.20 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar skema għall-għotjiet fil-komunita' 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.21 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b' informazzjoni dwar servizzi offruti għall-anzjani fil-komunita' mid-Dipartiment għall-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.22 Ċirkulari SPI/TW/8/2021 – Proċess ta' Ġemellaġġ minn Reġjun/Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.23 Ċirkulari Nru AKL 2021/092 – ĠEMMA sessjoni informattiva għall-Kunsilli Reġjonali/Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.24 Ċirkulari Nru AKL 2021/093 – Convenant of Mayors. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.25 Ċirkulari Nru AKL 2021/094 – Pink October. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.26 Ċirkulari Nru AKL 2021/095 – MoU iffirmat bejn l-AKL u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.27 Ċirkulari Nru AKL 2021/096 – AKL Webinar – Social Field: Youth and Criminality 20/10/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.28 Ċirkulari Nru AKL 2021/097 – Sessjoni Informattiva – Working Towards Safer Communities – Community Policing & CRPD. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.29 Ċirkulari Nru AKL 2021/098 – EU Code Week 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.30 Ċirkulari Nru AKL 2021/099 – Litterless challenge to local councils 18 – 28th October 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.31 Ċirkulari Nru AKL 2021/100 – Wirt Kulturali Intanġibbli – ICH Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

39.7.32 Ċirkulari Nru AKL 2021/101 – EUCF 3rd call – Online Webinar 18/10/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.33 Ċirkulari Nru AKL 2021/102 – Planning and Leading a Team – Mentor Aid Session 15/09/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.34 Ċirkulari Nru AKL 2021/103 – Festin tal-Milied għat-tfal 08/12/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.35 Ċirkulari Nru AKL 2021/104 – Internal Vacancy – Senior Executive Assistant. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.36 Ċirkulari Nru AKL 2021/105 – Tqassim tal-flokkijiet għall-Fun Run tal-President. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.37 Ċirkulari Nru AKL 2021/106 – President's Fun Run 21/11/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.7.38 Ilment 78/2021
Residenta fi Triq San Xmun fix-Xlendi tiġbed l-attenzjoni dwar gallerija li qed jaqgħu biċċiet minnha għal-Triq il-Puniċi. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li dan l-ilment għadda għand il-Pulizija mal-ewwel u qed imexxu l-każ.

39.7.39 Ilment 79/2021
Resident jilmenta li quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu qed iżomm l-ilma fit-triq dik in-naħa. Kien hemm qbil mill-membri sabiex meta jsir il-*patching* bl-asfalt madwar il-lokalita', li ġeneralment isir minn żmien għal żmien, il-Kunsill jara jsibx soluzzjoni għal dan l-ilment.

39.7.40 Ilment 80/2021
Jitlob sabiex issir mera tat-traffiku fi Triq ir-Rabat faċċata tal-passaġġ li jagħti għal ġol-wied. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan sakemm ma tiġix quddiem residenzi oħra.

39.7.41 Ilment 81/2021
Jissuġġerixxi sabiex isiru traffic calming measures fi Triq il-Kalkara tal-Ġir minħabba l-veloċita' li jinżlu l-vetturi minn dik it-triq. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan iżda qabel trid issir konsultazzjoni ma' Transport Malta u mal-ġirien tal-inħawi.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

39.7.42 Ilment 82/2021

Jitlob sabiex tinbidel it-tabella li hemm fil-bidu ta' Triq is-Sienja minħabba li l-karozzi qed jipparkjaw f'nofs l-isqaq. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mingħand Transport Malta.

39.7.43 Ilment 83/2021

Jitlob sabiex titwaħħal bozza LED tat-triq mal-blokk tal-appartamenti fejn joqgħod fi Triq Rinota k/m Triq Dun Spir Gauci minħabba nuqqas ta' dawl li hemm fl-inħawi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan sakemm ir-residenti tal-istess blokk t'appartamenti ma jsibux oġġezzjoni.

39.7.44 Ilment 84/2021

Tissuġġerixxi sabiex issir *disabled parking bay* quddiem Eagle Eye Court fi Triq Damansku il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan ġaladarba tinġab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

39.7.45 Ilment 85/2021

Jitlob sabiex jitneħħew il-kontenituri tal-bring in site li qed maħżuna fi Triq il-Kappar fix-Xlendi. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiddisponi minnhom.

39.7.46 Ilment 86/2021

Titlob assistenza finanzjarja mill-Kunsill biex tiftaħ mużew tal-antikita fi Triq Marziena, il-Munxar. Il-Kunsill irrimarka li assistenza finanzjarja fil-privat mhux permissibbli bil-liġi.

**39.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

39.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 39/2021-8 għall-perjodu bejn is-17 ta' Settembru 2021 u l-21 t'Ottubru 2021 li tammonta għal €21,630.12 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil kien il-proponent filwaqt li l- Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis is-sekondant.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 39.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

39.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 18 ta' Novembru 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 18 ta' Novembru 2021.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR